MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 284/2006

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fis-27 ta' Gunju 1987.

2. Illi l-kunsens tal-esponenti inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija

psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

5. Illi l-kontendenti ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b' mohhhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex iz-zwieg ezistenti bejn il-kontendenti jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Ghaldaqstant l-esponent ghar-ragunijiet premessi jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet, kif fuq riferit huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta kkontestat it-talbiet attrici, kif ukoll cahdet l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront taghha, u ziedet tghid li din il-kawza hija biss tentattiv da parti ta' l-attur sabiex jirregolarizza l-pozizzjoni tal-habiba barranija tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fis-27 ta' Gunju 1987 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta' l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet fit-

termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta qed tikkontesta dak attribwit lilha, kif ukoll it-talba ta' l-attur.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Gunju 1987 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 19-il sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa tlett xhur. Matul il-konvivenza matrimonjali huma kellhom hamest itfal fl-20 ta' April 1989, 19 ta' Novembru 1991, 3 ta' April 1995, 21 ta' Novembru 1996 u 21 ta' Ottubru 1998, u l-partijiet kienu jghixu fid-dar fejn kienet tabita omm il-konvenuta.

Wara konvivenza matrimonjali ta' circa erbatax [15]- il sena, l-attur kien telaq mid-dar konjugali, u llum qed jabita ma' mara Filippina li minnha ghandu tarbija.

L-attur jispjega li meta hu kien beda johrog mal-konvenuta sab oppozizzjoni kbira mill-genituri tieghu, stante li dawn ma kellhomx pjacir bil-familja tal-konvenuta. Eventwalment missieru keccieh mid-dar, u b' hekk l-attur spicca jghix ghand il-konvenuta ma' ommha li minn naha taghha ma kinitx kuntenta bil-fatt li l-partijiet jghixu that l-istess saqaf minghajr ma jizzewgu. B' hekk, wara tlett xhur li saru jafu lil xulxin, il-partijiet izzewgu.

L-attur jghid li l-problemi bdew mill-bidunett peress li skopra li l-konvenuta martu kellha l-vizzju tal-loghob, u wkoll kienet taghmel id-dejn biex tixtri l-oggetti tal-fajjenza ghad-dar. Jghid li ma kellhiex kontroll fuq kif tonfoq il-flus.

Rigward it-tfal taghhom, l-attur jghid li hu ma kienx ried li jkollu daqshekk tfal, izda l-konvenut kienet tinsisti li trid it-tfal.

Il-premess, flimkien ma' l-indhil kostanti da parti ta' omm il-konvenuta, wassal sabiex l-attur ma jiqbax jghix fid-dar konjugali; u ftit taz-zmien wara, huwa dahal f' relazzjoni extra-matrimonjali ma' mara ohra. Jispjega li llum jghix

ma' mara Filippina li hu kien gab minn barra proprju biex tiehu hsiebu peress li hu safa' disabled, u ghandu tarbija minnha.

*Verzjoni Konvenuta*

Illi l-konvenuta tichad li hi ghandha l-vizzju tal-loghob, ghalkemm tammetti li tilaghab il-lottu u s-Super 5. Tghid li l-attur huwa bniedem ghazzien u ma kienx ikun irid jahdem, tant li hi hadmet aktar minnu. Hija tammetti li hi u ommha kienu jixtru hafna affarijiet tal-fajjenza, izda tghid li ommha kienet tghinha peress li din kienet toqghod maghhom.

Il-konvenuta tghid li l-attur kien jirrabbja hafna u kien aggressiv, u kien jisfoga fuq "l-affarijiet prezjuza ta' ommha". Hija tichad li ommha kienet tindahal fis-sens li tippressaha biex tiehu certu decizjonijiet, u tghid li, ghalkemm ommha kienet taghtiha parir, hija kienet taghmel ta' rasha, kif fil-fatt ghamlet meta zzewget lill-attur.

Hi tinnega li kienet izzewget lill-attur fuq pressjoni ta' ommha, u tghid li hi kienet hadet dan il-pass peress li kienet thobbu. Fi kliemha, fuq domanda suggestive fis-sens li hi kienet izzewwget lill-attur biex tobdi minn ommha, il-konvenuta tghid: "Le, ma obdejtx lil mama, le, mhux veru, ghax jien ghidtlek li habbejtu; ghalhekk izzewwigtu, ghax kieku ma kont nizzewweg zgur." [Fol.63].

Il-konvenuta tghid li, huwa minnu li l-attur ma riedx daqshekk tfal, izda mill-banda l-ohra dan il-fatt ghandu jigi attribwit lilu, kemm ghax kien iffitixha hu, kif ukoll ghax ma kienx joqghod attent waqt l-att taz-zwieg. Il-konvenuta tghid li t-tfal ma kienux jdejquha, u kienet sabet hafna ghajnuna minghand ommha, anke finanzjarja. Tirrimarka in propozitu, li l-attur ma ddejjaq xejn jkollu tarbija ohra minn mara ohra!

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq il-paragrafi [c][d][f] u [h] ta' l-artikolu precitat, u l-qorti ser tittratta dawn il-kawzalijiet *seriatim*.

*Qerq*

L-attur jghid li l-kunsens matrimonjali tieghu kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Fix-xhieda tieghu jilmenta mill-fatt li martu kienet tonfoq hafna flus ghax kellha l-vizzju tal-loghob, u tixtri hafna affarijiet tal-fajjenza ghad-dar.

In propozitu l-Qorti tosserva:

Illi mill-provi ma jirrizultax li martu kellha l-vizzju tal-loghob sal-grad li fixkel serjament il-konvivenza bejn il-partijiet. Huwa minnu li hija kienet tilaghab fil-lotteriji u li tattendi l-coffee mornings u attivitajiet simili, izda b' daqshekk ma jfissirx li l-konvenuta kienet tonfoq il-flus bla kontroll kif sostnut mill-attur u mix-xhieda tieghu. Wara kollox, ma jistax jigi injorat dak sostnut mill-konvenuta, fis-sens li dwar l-affarijiet li kienet tixtri flimkien ma' ommha, ghad-dar kienet tghinha ommha finanzjarjament, kif kienet tghinha wkoll finanzjarjament fit-trobbija tal-hames ulied tal-partijiet.

Inoltre, anke jekk huwa minnu li martu kellha l-inklinazzjoni li tonfoq il-flus, mill-provi ma jirrizultax li l-kunsens matrimonjali gie akkwistat b' xi forma ta' qerq. Qabel iz-zwieg, kemm l-attur kif ukoll il-genituri tieghu kienu konxji tal-istil ta' hajja li kienu jghixu l-familja tal-konvenuta, tant li l-missieru kien oggezzjoni bil-qawwa ghar-relazzjoni taghhom, izda l-attur, minflok sema' minn missieru, mar jghix mal-konvenuta fid-dar tal-genituri taghha. F' dawn ic-cirkostonzi, it-tezi ta' l-attur fis-sens li l-konvenuta tqarret bih qabel iz-zwieg titlef hafna mill-piz taghha.

Ghalhekk din il-kawzali mhux sostnuta mill-provi.

*Discretio Judicii*

Illi, ghalkemm huwa minnu li meta zzewgu l-partijiet kienu ghadhom zghar, izda jibqa' l-fatt li dawn kienu ta' l-eta' li setghu jikkuntrattaw zwieg bejniethom u ghalhekk il-ligi tipprezumi, salv ghal prova kuntrarja, li dawn kellhom ir-rekwizit necessarju tad-diskrezzjoni sabiex jizzewgu; u allura spetta ghal min jallega din il-kawza li jipprova li, fiz-zmien tal-ghoti tal-kunens matrimonjali, il-partijiet, jew min minnhom, kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew kienu affetti minn anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

In vena legali jigi osservat li fil-gurisprudenza nostrana dan id-difett serju jeziti meta parti fiz-zwieg tkun affetta minn inkapacita' psikika li tifhem u tagharaf l-obbligi u dmirijiet tal-hajja konjugali, jew li ma jkollhiex il-volonta' libera ta' l-ghazla, jew tkun inkapaci li tassumi l-obbligi essenzjali ghaz-zwieg. Minn naha l-ohra, mhux kull livell ta' immaturita' jidhol fit-termini ta' dan il-*caput nullitatis*, u huwa bizzejjed li l-partijet ikollhom certu dixxerniment ta' dawn l-obbligi u drittijiet.

Fil-kaz in dizamina, jirrizulta car li, nonostante li l-partijiet kienu ghadhom zghar fl-eta' meta kkuntrattaw iz-zwieg, u nonostante li, kif xehed ir-Reverendu Joseph Vella, dawn kienu mmaturi, izda mill-banda l-ohra ma jirrizultax li l-partijiet ma kienux jafux x' inhuma l-obbligi u d-dmirijiet tal-hajja konjugali; tant, li huma ghexu flimkien ghal certu numru ta' snin, li matulhom kellhom hamest itfal. Huma kienu jikkonvivu ma' omm il-konvenuta, li minn naha taghha, ghalkemm forsi grad ta' indhil kien hemm, kienet tghinhom ukoll finanzjarjament.

Illi, barra minnhekk, ghalkemm il-partijiet fiz-zwieg esperjenzjaw diversi problemi derivanti mill-fatt li kellhom fehemiet differenti ta' kif jghixu hajjithom, u senjatament l-attur ma kienx jaqbel ma' kif il-konvenuta tamministra, jew tonfoq il-flus, dan il-fatt jista' jifforma bazi ghal separazzjoni legali, izda, fil-fehema ta' din il-Qorti, ma jwassalx sabiex jintegra l-*caput nullitatis* in dizamina. Ghaldaqstant anke din il-kawzali ma tinsabx sostnuta minn provi adegwati.

*Simulazzjoni*
Illi l-konsiderazzjoni fattwali premessi japplikaw b' izjed qawwa fil-kaz ta' dan il-caput nullitatis li, biex jintegra ruhu, jehtieg li jigi pprovuat li, ghalkemm il-partijiet ghaddew esternament minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu eskludew, jew parti eskludiet, obbligu essenzjali ghall-hajja matrimonjali.

Jirrizulta car fil-kaz odjern, li dan il-caput nullitatis ma jezistix. Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu ghax riedu jizzewgu u ghax f' dak l-istadju kienu jhobbu lil xulxin, riedu jikkonvivu flimkien kif fil-fatt ghamlu ghal crica 15-il sena, riedu jipprokreaw flimkien kif fil-fatt ghamlu bir-rizutlat li twieldu hamest itfal, u riedu rrabbuhom kif fil-fatt ghamlu, anki bl-ghajnuna ta' omm il-konvenuta. Ghalhekk lanqas din il-kawzali ma tirrizulta provata.

*Rieda Bizzejjed*
F' dan ir-rigward, il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-premessi konsiderazzjonijiet, tosserva li din il-kawzali hija priva minn kull fundament fattwali, stante li minn imkien ma rrizulta mill-provi li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew parti, ma kellhomx setghat intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici mhijiex gustifikata, la fil-fatt u fid-dritt u ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------